# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udjenza ta' l-14 ta' Dicembru 2023**

**Talba nru. 288/2023**

**GO PLC**
***(C-22334)***

*VERSUS*

**LET ME HOST MALTA LIMITED**
**(C93739)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviz tat-Talba ipprezentat fl-14 t'Awwissu 2023 is-socjeta attrici ippremettiet illi s-socjeta konvenuta ghandha taghti lis-socjeta attrici l-ammont ta' tlett elef erbgha mija u tnejn u disghin Ewro u erbgha u disghin centezmu (Eur 3492.94) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40986285. Illi s-socjeta konvenuta baqghet inadampjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza. Bl-Ispejjez, imghaxijiet u drittijiet inkluz ta' l-ittra ufficjali bir-riferenza 2438/22.

Ra illi s-socejta konvenuta giet debitament notifikat fit-12 t'Ottubru 2023 kif jidher a Fol.81.

Ra illi minkejja illi s-socjeta konvenuta giet notifikata, hija baqghet ma ressqitx risposta fit-terminu moghti bil-ligi u lanqas deher xi rapprezentant sabiex iwiegeb ghat-talbiet attrici.

Ra d-dokumenti prezentati a fol.3 sa Fol.77.

Sema x-xhieda ta' Maryanne Camilleri.

Ra illi din il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidra

Illi s-socjeta attrici ressqet diversi dokumenti in sostenn tat-talba imressqa li juru l-kuntratt u l-kontijiet pendent. Minbarra dawn id-dokumenti is-socjeta attrici ressaq ukoll lil Maryanne Camilleri li bil-gurament taghha iddikjarat illi hija tokkupa l-kariga ta' Credit Control Officer mas-socjeta' attrici u li s-socjeta' konvenuta ghadha debitrici fil-konfront tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' Eur3,492.94.

Illi t-Tribunal josserva li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tas-socjeta attrici da parti tas-socjeta konvenuta iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm is-socejta konvenuta baqghet kontumaċi, dan ma jfissirx li hija abbandunat kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi.

Illi l-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (*ara Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002*). L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (*ara Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003*).

Illi għalhekk il-kontumaċja mhix ammissjoni u l-attur xorta jrid jipprova l-allegazzjoni minnu vantata sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu (*ara Carmel Schembri vs. Dorianne Zerafa deċiża mill-Prim' Awla fit-12 ta' Lulju 2001*). F'dan is-sens issir referenza ghas-sentenza ricenti mgħotija mill-Onorevolli mħallef Christain Falzon Scerri nhar it-18 ta' Novembru, 2022, (*ara Salvatore Battiato u Emanuela Graziella Vanella vs. Alessandro Mercieca* ) fejn l-Onorabbli Qorti iddikjarat, "*Il-grad ta' prova li l-atturi kellhom jilħqu, huwa dak li biżżejjed inissel ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant li tkun indotta mill-preponderanza tal-provi meqjusa fuq bilanċ ta' probabilitajiet*".

Illi dan it-Tribunal sema' x-xhieda ta' Maryanne Camilleri, għan-nom tas-soċjeta' attriċi, fejn hi kkonfermat illi l-ammont ta' tlett elef erbgha mija u tnejn u disghin Ewro u erbgha u disghin centezmu (Eur 3492.94) huwa dovut lill-istess soċjeta' attriċi mis-soċjeta' konvenuta. Hija xehdet illi dan l-ammont jirreferi għall-kont bin-numru 40986285.

Wara li t-Tribunal ra d-dokumentazzjoni relattiva u sema' lix-xhud Maryanne Camilleri tixhed għan-nom tas-soċjeta' attriċi, it-Tribunal ma jsibx diffikulta' jikkonkludi li s-soċjeta' attriċi timmerita li tieħu l-ammont riklamat skont l-avviż tat-talba.

<u>Deċide</u>

**Ghaldaqstant** fid-dawl tal-fatti u l-provi mressqa, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din il-kawza billi jilqa' t-talba tas-soċjeta' attriċi u konsegwentement jikkundanna lis-soċjeta' konvenuta sabiex tħallas lis-soċjeta' attriċi is-somma ta' tlett elef erbgha mija u tnejn u disghin Ewro u erbgha u disghin centezmu (Eur 3492.94) bl-imgħax b'effett mil-11 t'Ottubru 2022, kif ukoll l-ispejjes u d-drittijiet, inklużi dawk konnessi mal-ittra uffiċjali numru 2438/22.

**Avv. Duncan Borg Myatt**
Gudikatur